# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Dsatax (19) ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru 761/17 FDP**

Fl-ismijiet

**Joseph Farrugia (Karta tal-Identita Numru 784260M)**

**vs.**

**Anna Degiorgio (Karta tal-Identita Numru 260167M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 18 ta' Awissu 2017, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

   *1. Illi r-rikorrent kellu relazzjoni mal-intimata Anna Degiorgio liema relazzjoni intemmet f'Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) ;*

   *2. Illi matul ir-relazzjoni tal-partijiet, ir-rikorrent inkorra ammont ta' spejjeż għall-benefiċċju tal-intimata, liema spejjeż jikkonsistu f'xiri ta' vettura tal-marka Peugeot 107 bin-numru ta' reġistrazzjoni ANN 618 f'isem l-istess intimata għall-prezz ta' għaxart elef, tmien mija u erbgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€10,824.37), kif ukoll ħlasijiet ta' assikurazzjoni għall-imsemmija vettura fl-ammont ta' elf, erbgħa mija u tlettax-il ewro (€1,413.00) ;*

3. *Illi r-rikorrent xtara ukoll appliances, għamara u oġġetti oħra għall-fond proprjeta tal-intimata, fl-ammont ta' disat elef, sitt mija u erbgħa u għoxrin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€9,624.74), kif ukoll oġġetti bħal mobile phones u ħlas ta' kontijiet tal-mobile għall-benefiċċju esklussiv tal-intimata, fl-ammont ta' tmien mija u sebgħa u għoxrin ewro (€827.00), ħlasijiet ta' assikurazzjoni u liċenzja ta' vettura oħra tal-intimata fl-ammont ta' erbgħa mija u tmienja u disgħin ewro (€498), xiri ta' parking sensors fl-ammont ta' mija u tmintax-il ewro (€118) u kirja ta' garage għall-vettura tal-intimata mis-sena 2011 sas-sena 2014 fl-ammont komplessiv ta' elf, ħames mija u ħamsa u sebgħin ewro (€1,575.00) ;*

4. *Illi r-rikorrent inkorra wkoll spejjeż ta' manutenzjoni fil-fond tal-intimata matul il-perjodu ta' konvivenza tal-partijiet u dan għal madwar tlettax-il sena, liema spejjeż jammontaw għas-somma ta' elfejn tliet mija u erbgħin ewro (€2,340), kalkolati bir-rata ta' mija u tmenin ewro (€180) fis-sena ;*

5. *Illi dawn l-ispejjeż kollha inkorsi mir-rikorrent għall-benefiċċju tal-intimata jammontaw komplessivament għas-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, mitejn u għoxrin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€27,220.11).*

6. *Illi r-rikorrent eżegwixxa wkoll xogħolijiet kemm personalment kif ukoll tramite terzi persuni li inkariga u ħallas huwa stess, u dan sabiex il-fond proprjeta tal-intimata ossia l-appartament numru tlieta (3), Tulip Court, Triq San Tumas, Tarxien ġie komplut minn stat shell-form għal stat komplut u sabiex twaqqgħet il-wahsroom u nbniet mill-ġdid f'parti oħra, liema spejjeż skont il-kalkoli tar-rikorrent jammontaw għas-somma ta' sebat elef mitejn u wieħed u għoxrin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€7,221.63) ;*

7. *Illi l-intimata arrekkiet ruħha indebitament minn dawn l-oġġetti mħallsa lilha u xogħolijiet eżegwiti mir-rikorrent, u konsegwentement huwa għandu jiġi kumpensat għalihom mill-istess intimata u dan ai termini tal-artikolu 1028A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi l-intimata ġiet interpellata sabiex tħallas uħud mill-ispejjeż inkorsi mir-rikorrent għall-benefiċċju tagħha permezz ta' ittra uffiċjali tat-8 ta' Ġunju 2017, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata Dok. A, iżda baqgħet inadempjenti ;*

9. *Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

10. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża ;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tikkundanna lill-intimata sabiex tħallas lir-rikorrent is-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, mitejn u għoxrin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€27,220.11), jew somma oħra verjuri rappreżentanti spejjeż inkorsi mir-rikorrent għall-benefiċċju tal-intimata;*

2. *Tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent mill-intimata għal xogħolijiet eżegwiti minnu fil-fond properjeta tal-intimata 3, Tulip Court, Triq San Tumas, Tarxien bl-opera ta' periti nominati għal dan l-iskop;*

3. *Tikkundanna lill-intimata sabiex tħallas lir-rikorrent l-ammont hekk likwidat ;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata, inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1127/17 li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fis-27 ta' Settembru 2017, l-intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

   *1. Illi primarjament l-allegazzjonijiet miġjuba mill-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;*

   *2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost il-konvenuta kellha l-mezzi sabiex tagħmel ix-xogħolijiet u infatti saru minnha personalment u parti minnhom anke tħallsu mill-facilita' Bankarja li hija kienet ħadet mill-Bank of Valletta plc, u parti oħra mill-propjeta' li kellha flimkien ma' żewġha meta ġiet xolta il-komunjoni tal-akkwisti u parti oħra mill-wirt tal-ġenituri tagħha hekk kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża;*

   *3. Illi l-attur intavola dawna l-proċeduri wara li nħareġ digriet sabiex huwa jibda jgħaddi l-konvenuta l-manteniment għall-ibnu liema minuri twieled fid-disgħa (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u l-istess attur qatt ma ried jgħaddi ebda manteniment għall-minuri;*

   *4. Illi t-talba tal-attur għall-ħlas ta' sebgħa u għoxrin elf, mitejn u għoxrin ewro u ħdax il-ċenteżmu (€27,220.11) hija ritaljazzjoni għall-fatt għad-digriet ta' l-Onorabbli Qorti Sezzjoni Familja u ġiet intavolata għall-finijiet ta' vessazzjoni u bħala att ta' tpattija hekk kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża;*

   *5. Illi mingħajr preġudizzju għal premess l-vettura tal-marka Peugeot 107 ingħatat lil konvenuta bħala rigal minn jedd l-attur u mingħajr ebda ħsieb*

*ta' kumpens, inklużi wkoll l-ispejjeż anċillari tal-vettura, fosthom ħlasijiet ta' assikurazzjoni jew aċċessjori oħra, kif ukoll għoti ta' telefon ċellulari u pagamenti ta' kwalunkwe kontijiet u spejjeż trivjali oħra hekk kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża;*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għal premess l-attur għex mar-rikorrenti għal ċirka tmintax (18)-il sena fil-fond li jappartjeni esklussivament lilha mingħajr bżonn li jipprovdi għal lok ta' residenza għalih għaliex dan kien provdut minnha. Illi jekk saru kontribuzzjonjiet minn naħa tal-attur fil-manutenzjoni tal-fond, xiri ta' għamajjar u oġġetti għall-fond kif ukoll xiri ta' apparat anċillari ma' appartament residenzjali kif qiegħed jallega l-attur dana se mai sar in vista tar-relazzjoni li kellhom flimkien għal żmien twil, u li fl-aħħar mill-aħħar huwa wkoll gawda mill-użu tal-istess hekk kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża;*

*7. Illi l-fond tal-konvenuta serva bħala residenza ordinarja tal-attur u binhom li ppermettielu li jgħix mingħajr ħtieġa li jħallas kera għal tmintax (18)-il sena, jew l-imsemmi użu tal-apparat u għamajjar domestiċi u barra minn hekk l-konvenuta kienet wkoll tieħu ħsieb l-attur fit-tisjir u tindif hekk kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża;*

*8. Illi mingħajr preġudizzju għall-premessi t-talba attriċi hija esaġerta, ma tirriflettix il-valur reali u kif diġa ddikkjarat hawn fuq, hemm diversi oġġetti li ngħataw lir-rikorrenti bħala rigali u donazzjoni gratwiti u għaldaqstant dawna m'għandhom lanqas biss jittieħdu in konsiderazzjoni ai fini tat-talba attriċi;*

*9. Illi f'kull każ u strettament mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet hawn fuq sollevati, l-attur irid jagħti rendikont dettaljat ta' kif ikkomputa u ħadem l-ammont allegat u pretiż u dana f'dettall b'mod illi jkun jista' jidher tpaċija kompleta bejn din iċ-ċifra u d-dettalji li qed jiġu indikati u li jiġġustifikaw iċ-ċifra hawn imsemmija;*

*10.Illi l-attur strettament mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti jrid ifisser għal liema għamajjar, materjal mixtri għax-xogħolijiet imwettqa fil-fond tar-rikorrenti u diversi oġġetti u apparat domestiku li huwa qiegħed jirreferi għalihom kif ukoll jeżebixxi riċevuti u dokumenti oriġinali u awtentiċi li jiġġustifikaw ir-referenzi għas-somma mitluba.*

*11.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi, flimkien mar-risposta tagħha, l-intimata rikonvenzjonata ressqet kontro talba kontra r-rikorrent, fejn talbet is-segwenti:

1. *Illi l-konvenuta rikonvenzjonata qiegħda tintavola dana ir-rikors wara li hija ġiet notifikata bir-rikors promutur;*

2. *Illi l-esponenti tħoss li għandha d-dritt li tiġi kkompensata a bażi tal-liġi, kif ukoll fuq il-prinċipji tal-ġustizzja u tal-ekwitá, għall-manteniment li ma ngħatax lill-binha minn missieru u ċioé l-attur, tas-servizzi kwotidjani li damu tul ir-relazzjoni ta' bosta snin li hija għamlet lill-attur rikonvenzjonat hekk kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża u talli l-atturi rikonvenzjonat mar jgħix magħha għal ċirka tmintax (18)-il sena sħaħ mingħajr qatt ma kkontribwixxa ħlief li kien jagħmel xirja li kien jiekol ukoll minnha huwa stess;*

3. *Illi l-attur rikonvenzjonat kien telaq mill-kirja tiegħu u mar jgħix fil-fond tal-esponenti u għaldaqstant huwa baqa' jgawdi u jfaddal l-flus tiegħu peress li kien jgħix mingħajr bżonn li: (i) jipprovdi għal lok ta' residenza għalih għaliex dan kien provdut minnha u b'hekk ma jħallasx kera lil terzi, (ii) jħallas l-ebda tip ta' manteniment favur il-minuri ibnu, u (iii) lanqas jikkontribwixxi fil-kontijiet, spejjeż u servizzi marbutin mal-ħajja domestika, jekk inhuma kontijiet tad-dawl u tal-ilma, jew xiri ta' bżonnijiet tad-dar bħal alimenti, prodotti ta' iġene u servizzi mwettqa mill-esponenti bħala bżonn tad-dar (tindif, tisjir, ħasil u mogħdija ta' ħwejjeġ, eċċ.), liema servizzi ġew imwettqa favur l-attur frankawlu ħafna ħin, flus u enerġija a skapitu tal-esponenti;*

4. *Illi in vista tal-premess l-attur rikonvenzjonat kellu l-opportunita' li jistana finanzjarjament u jibni n-negozju tiegħu;*

5. *Illi għaldaqstant in vista tal-premess huwa l-attur li arrikka ruħu indebitament u dan għaliex huwa stagħna minn fuq dahar l-esponenti għax: (i) issollevatlu l-piż finanzjarju li jħallas kera għal snin twal lil terzi, u ta' dan l-esponenti kellha tħallas kontijiet u spejjeż għola għaliex fil-fond kienu jirrisjedu aktar persuni, kif ukoll sofriet tkagħbir fil-fond tagħha minħabba għajxien kwotidjan tal-istess attur, (ii) wettqet servizzi marbuta mal-bżonn tad-dar li gawda minnhom hu li kieku kellu jinvesti bosta siegħat twal u eżawrenti, jew iħallas lil terzi sabiex jipprovdulu dawn is-servizzi għal ħlas, (iii) qatt ma ħallas manteniment favur ibnu għaliex dan kien jirrisjedi fl-appartament ta' ommu u l-attur rikonvenzjonat dejjem irrifjuta li jgħaddi ammont ta' manteniment għal ibnu hekk kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża;*

6. *Illi l-attur rikonvenzjonat gie interpellat sabiex jersaq għal likwidazzjoni tal-ammonti dovuti pero' dejjem baqa' inadepjenti;*

7. *Għaldaqstant, il-konvenuta rikonvenzjonata titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex takkorda u tillikwida somma bħala arbitru boni viri liema somma tkopri kumpens:*

*(i) għall-għajxien tal-attur fid-dar tagħha mingħajr ħlas,*

*(ii) tas-servizzi mogħtija lilu tul is-snin tar-relazzjoni tagħhom, u*

*(iii) manteniment retroattivament li l-attur rikonvenzjonat dejjem irrifjuta li jgħaddi lill-esponenti għal il-minuri binhom;*

*8. Tikkundanna l-attur rikonvenzjonat li jħallas kwalunkwe ammont hekk akkordat minn dina Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur rikonvenzjonat inkluż dawk tal-ittra uffiċċjali u l-istess attur huwa minn issa nġunt in subizzjoni.*

4. Rat illi fit-18 ta' Ottubru 2017, ir-rikorrent ppreżenta risposta għal dak mitlub mill-intimata fit-talba rikonvenzjonali tagħha, fejn qajjem is-segwenti difiżi:

*1. Illi t-talbiet tal-konvenuta rikonvenjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-azzjoni tas-serviġi tal-konvenuta rikonvenjenti ma tistax tirnexxi stante li kwalunkwe serviġi li allegatament twettqu mill-konvenuta rikonvenjenti matul il-perjodu ta' konvivenza tal-partijiet twettqu minnha liberament u mingħajr ebda pretensjoni ta' ħlas;*

*3. Illi l-attur rikonvenut ma arrikkiex ruħu indebitament kif qed jiġi allegat mill-attriċi rikonvenjenti u dan kif ser jiġi ppruvat fis-smigħ tal-kawża;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti dejjem u regolarment ikkontribwixxa għall-manteniment tal-minuri iben il-partjiet matul il-perjodu ta' konvivenza tal-partijiet;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti kien ukoll regolarment jikkontribwixxi għall-ispejjeż kwotidjani tal-partijiet matul il-perjodu ta' konvivenza tagħhom kif ukoll għall-manutenzjoni tal-fond proprjeta tal-konvenuta rikonvenjenti fejn kienu jgħixu;*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti dejjem kellu lok alternattiv fejn jirrisjedi matul il-perjodu ta' konvivenza tal-partijiet u mhuwiex il-każ għalhekk li huwa kien ser ikun kostrett iħallas xi kera lil terzi li kieku ma kienx għall-fatt li kien jirrisjedi mal-konvenuta rikonvenjenti kif qed jiġi allegat minnha;*

*7. Illi kien biss wara li l-esponenti ressaq it-talba tiegħu sabiex jiġi kkumpensat għal diversi spejjeż li huwa inkorra għall-benefiċċju tal-konvenuta rikonvenjenti, li hija qajjmet dawn il-pretensjonijiet, u dan sabiex tittenta tinnewtralizza t-talbiet li l-esponenti qiegħed leġittimament iressaq fil-konfront tagħha;*

*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi bil-Liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta rikonvenjenti li hija nġunta in subizzjoni.*

5. Rat illi fl-14 ta' Novembru 2017 il-kawża ġiet differita għall-ġbir tal-provi.

6. Rat l-affidavit ta' **Joseph Farrugia**, ppreżentat fit-18 ta' Jannar 2018. (fol 29)

7. Rat l-affidavit ta' **John Cutajar**, sid ta' appartament fil-blokk ta' appartamenti fejn għandha appartament l-intimata u ġar ta' l-istess intimata, ppreżentat mir-rikorrent fid-9 ta' Mejju 2018. (fol 96)

8. Rat l-affidavit ta' **Ivan Sant**, sid ta' garaxx illi kien jinkera mir-rikorrent u sussegwentement beda jinkera mill-intimata, ppreżentat mir-rikorrent fid-9 ta' Mejju 2018. (fol 97)

9. Rat ix-xhieda ta' **Ronald Caruana**, sid ta' appartament fil-blokk ta' appartamenti fejn għandha appartament l-intimata u ġar ta' l-istess intimata, prodott mir-rikorrent fid-9 ta' Mejju 2018. (fol 96)

10. Rat l-affidavit ta' **Sacha Cassar**, kaħħal, prodott mir-rikorrenti fid-19 ta' Ġunju 2018. (fol 161)

11. Rat l-affidavit ta' **Lawrence Gilford**, ex-impjegat tar-rikorrent, prodott mir-rikorrent fid-19 ta' Ġunju 2018.

12. Rat in-nota b'dokumentazzjoni ippreżentata mir-rikorrent fid-19 ta' Ġunju 2018. (fol 109)

13. Rat illi fid-19 ta' Ġunju 2018 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

14. Rat l-affidavit ta' **Anna Degiorgio** ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2018. (fol 167)

15. Rat l-affidavit ta' **Mary Marshall**, oħt l-intimata, ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2018. (fol 186)

16. Rat l-affidavit ta' **Abraham Muscat**, ħu l-intimata, ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2018. (fol 188)

17. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fl-1 ta' Lulju 2019.

18. Semgħet ix-xhieda ta' **Lorraine Attard**, bħala rappreżentanta tal-HSBC Bank (Malta) plc, mogħtija fil-5 ta' Novembru 2019 u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita.

19. Semgħet ix-xhieda ta' **Zachary Farrugia**, iben il-kontendenti, mogħtija fit-22 ta' Settembru 2020. (fol 223)

20. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Anna Degiorgio mogħtija fit-12 ta' Novembru 2020. (fol 230)

21. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Lorraine Farrugia, rappreżentanta tas-soċjeta' bankarja HSBC Bank (Malta) plc, prodotta mir-rikorrenti u mogħtija fit-28 ta' Jannar 2021. (fol 263)

22. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Joseph Farrugia, mogħtija fis-27 ta' Mejju 2021. (fol 271)

23. Rat illi fis-27 ta' Mejju 2021 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet finali.

24. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tar-rikorrenti ppreżentati fit-28 ta' Settembru 2021.

25. Rat is-sottomissjonijiet bil-mitkub ta' l-abbli difensuri ta' l-intimata, ippreżentati fil-15 ta' Novembru 2021.

26. Rat illi fit-30 ta' Novembru 2021 il-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

27. Jirriżulta, fil-proċeduri odjerni, illi dina l-Qorti għandha quddiemha żewġ talbiet differenti għalkemm intrinsikament konnessi ma' xulxin – azzjoni tar-rikorrent għall-arrikkiment mhux mistħoqq u kontro talba ta' l-intimata wkoll għall-arrikkiment mhux mistoqq kif ukoll għall-ħlas ta' serviġi u manteniment.

28. Jirriżulta, di fatti, illi l-partijiet kellhom relazzjoni ta' tmintax-il sena, illi bdiet fis-sena 1998 u intemmet fis-sena 2016, minn liema relazzjoni għandhom tifel, Zachary, illi twieled fis-sena 2003.

29. Jirriżulta illi l-intimata, li kienet ġia miżżewġa preċedentement, bdiet ir-relazzjoni tagħha mar-rikorrent waqt illi kienet għaddejja mill-proċeduri ta' separazzjoni minn mar-raġel tagħha, u f'dan il-perjodu, hija kienet tagħmel żmien tgħix fl-appartament illi r-rikorrent kien jikri ġewwa Marsaskala, u żmien ieħor tgħix fir-residenza tal-ġenituri tagħha, u dana għal perjodu ta' madwar erbgħa snin, sakemm eventwalment ottjeniet is-separazzjoni minn mar-raġel tagħha.

30. Jirriżulta illi sussegwentement, l-intimata, bil-flus illi hija ottjeniet mis-separazzjoni minn mar-raġel, kif ukoll permezz ta' loan illi hija ottjeniet mill-Bank

HSBC Bank (Malta) plc fis-sena 2000, akkwistat flat ġewwa Ħal Tarxien, ġebel u saqaf, li sussegwentement għaddiet biex tlestieh u tarredah.

31. Jirriżulta illi r-rikorrent, li dak iż-żmien kien jaħdem bħala kuntrattur f'hekk imsejjħa "turn-key projects", kien għamel varji xogħolijiet sabiex jitlesta tali appartament skond ix-xewqa ta' l-intimata, li nelfrattemp kienet ħarġet tqila bit-tifel tagħhom.

32. Jirriżulta illi, eventwalment, meta l-appartament ta' l-intimata ġewwa Ħal Tarxien tlesta fis-sena 2002, hija daħlet tgħix hemm filwaqt illi r-rikorrent ittermina l-kirja tal-appartament illi kellu u mar jgħix permanentement fil-fond tar-rikorrent.

33. Jirriżulta illi l-partijiet baqgħu jabitaw fil-fond ta' l-intimata sakemm temmew ir-relazzjoni tagħhom fis-sena 2016.

34. Jirriżulta illi, permezz tal-azzjoni odjerna, ir-rikorrent qiegħed jitlob ir-rifużjoni tal-ħlasijiet minnu magħmula in konnessjoni ma' erbgħa affarjiet differenti:

    a. Vettura Peugeot 107 akkwistata fl-24 ta' Ġunju 2011 u assikurazzjonijiet relatati mal-istess.

    b. Appliances u oġġetti oħra relatati mad-dar akkwistati minnu waqt illi kien qiegħed jabita fl-appartament flimkien ma' l-intimata.

    c. Kirja ta' garage għaż-żamma tal-vettura minnu akkwistata.

    d. Manutenzjoni fid-dar għal tlettax-il sena.

35. Jirriżulta illi, da parte tagħha, l-intimata, fil-kontro talba li saret riżultat tat-talba tar-rikorrent, talbet għall-ħlas da' parte tar-rikorrenti ta' tlett affarjiet:

    a. Kumpens għall-għejxien tiegħu fil-fond tagħha mingħajr ma jħallas għall-ebda servizz jew kera;

    b. Kumpens għas-serviġi minnha reżi;

    c. Kumpens għall-manteniment illi r-rikorrent dejjem irrifjuta li jħallas għall-ibnu l-minuri Zachary.

## Ikkunsidrat

36. Il-Qorti tqis illi, qabel ma tinoltra ruħha fil-konsiderazzjoni tat-talbiet u difiżi imqajjma miż-żewġ partijiet, ikun opportun illi jitqiesu l-elementi legali tal-azzjoni tar-rikorrent kif ukoll ta' l-intimata, ossija dik tal-'actio de in rem verso', u ta' l-intimata, ossija dik ta' serviġi.

***L-azzjoni ta' 'Actio de in rem verso'***

37. Fil-kawża '**Mario Aquilina vs Alexandra Mizzi** deċiża fis-17 ta' Jannar 2019, il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar l-istitut tal-'actio de in rem verso':

> *Illi jibda biex jingħad li sabiex l-azzjoni tissejjes fuq il-kawżali tal-arrikkiment mhux mistħoqq, jeħtieġ li jintwerew elementi partikolari li kemm id-duttrina u kif ukoll il-liġi jisħqu li għandu jkollha. L-actio de in rem verso illum il-ġurnata tinsab regolata espressament fil-liġi Maltija. Hija azzjoni mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq la azzjoni ex contractu jew lanqas dik akwiljana mnissla mill-fatt illeċitu jew saħansitra dik maħsuba għar-radd lura tal-ħlas indebitu. Minħabba f'hekk, hija magħrufa li hija azzjoni sussidjarja. Għalhekk, din l-azzjoni ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu, jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-ġurisdizzjoni.*
>
> *Illi l-azzjoni mibnija fuq arrikkiment mhux misħoqq hija waħda ekwitativa. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li mhuwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (nemo licet locupletari cum aliena iactura). Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata;*
>
> *Illi ingħad ukoll li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qiegħda tikseb vantaġġ jew utilità minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħolijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'din il-ħaġa jew b'dak is-servizz;*

38. Jirriżulta wkoll illi l-partijet fil-kawża kellhom relazzjoni ta' tmintax-il sena, fejn għexu flimkien u saħansitra kellhom tarbija flimkien, u għalhekk ikun opportun illi jitqiesu aspetti legali illi jikkonċernaw relazzjoni ta' konvivenza *more uxorio*, u dana tenut kont ukoll tal-fatt illi l-Att dwar il-Koabitazzjoni, li għaliha ssir referenza għar-rikorrent mill-abbli difensur tiegħu, ma jistgħux japplikaw għal każ odjern,

stante illi ma kinux viġenti fil-mument illi r-relazzjoni tal-partijiet kienet għadha ħajja.

39. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza '**Desmond Stanley Stewart vs Therese Mangion Galea**', deċiża fil-5 ta' Ottubru 2015, fejn dwar tali aspett legali kellha dan xi tgħid:

> *Illi f'dak li jirrigwarda l-aspetti legali li joħorġu minn relazzjoni ta' konvivenza more uxorio, irid jingħad li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-partijiet jaslu biex joħolqu rabta bħal dik fuq ix-xewqa li jafdaw lil xulxin f'relazzjoni li fiha jaqsmu ħajjithom flimkien b'dak li ġġib magħha. Il-karatteristika ewlenija x'aktarx tkun li, għalkemm il-partijiet jagħrfu li dik ir-relazzjoni ma tkunx formalizzata jew formalment magħrufa mil-liġi, tkun għalihom realta' ta' ħajja li jaħsbu li jmissha ttul għal żmien jekk mhux ukoll jixtiequ saħansitra li ma tintemm qatt. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jidħlu fis-seħħ arranġamenti, mibnija wkoll fuq fiduċja u aspettattiva, li jmissu l-ġid ta' kull waħda mill-partijiet u t-tħaddim ta' dak il-ġid għall-interessi u ħtiġijiet tal-partijiet li jidħlu f'relazzjoni bħal dik.*
>
> *Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, dan kien sewwasew il-ħsieb mistqarr kemm mill-attur u kif ukoll mill-imħarrka. L-attur, li kien pensjonant, jgħid li kellu l-ħsieb li jirtira f'Malta u jqatta' l-aħħar snin ta' ħajtu għall-kwiet u, b'dan il-ħsieb, ġab f'Malta l-flus li kien ġemma' matul ħajtu u investihom fir-relazzjoni li kellu mal-imħarrka. Din, minn naħa tagħha, kienet għaddiet minn ċirkostanza ta' firda personali u għadha trabbi żewġ ulied li kienu għadhom taħt l-eta' u kienet taħdem b'impieg full time biex tmexxi 'l quddiem ħajjitha u ħajjithom;*
>
> *Illi fid-duttrina huwa aċċettat li fir-relazzjonijiet ta' konvivenza more uxorio ma jeżistux obbligazzjonijiet li xi waħda mill-partijiet tista' tobbliga lill-oħra li twettaq bil-liġi f'dak li jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet għall-piżijiet ekonomiċi li ġġib magħha relazzjoni bħal dik. U l-istess imbagħad jingħad dwar jekk xi waħda mill-partijiet f'relazzjoni bħal dik, wara li tintemm dik ir-relazzjoni, tkunx tista' titlob ir-radd lura ta' dak li tkun tat lill-parti l-oħra matul l-istess relazzjoni.*
>
> *"Resta da vedere a questo punto se sia ammissibile, tuttavia, per il convivente che abbia contribuito nel menage comune, richiedere la restituzione di quanto versato. La soluzione al quesito non puo' che essere negativa, almeno per cio' che concerne le spese correnti. .. .. Le attribuzioni tra conviventi more uxorio sono state inquadrate anche nell'ambito delle liberalita' d'uso, cioe' delle liberalita' non aventi carattere di donazione, che si usano fare in conformita' agli usi o in occasione di servizi resi. .. .. La giurisprudenza consolidata, comunque, ritiene irripetibili tali versamenti vicendevoli .. ..*

> *Pertanto, ormai, e' pacifico ed indiscusso che il convivente non possa pretendere alcunche' dall'altro, per quanto conferito nel rapporto comune" - D. Riccio La Famiglia di Fatto (2007), pagg. 381 – 3*
>
> *Illi jidher li dak li jissemma' hawn fuq jgħodd fejn il-kontribut tal-persuni konviventi jkunu bejn wieħed u ieħor indaqs. Fejn xi waħda mill-partijiet tkun għamlet nefqa jew tat kontribut mhux tas-soltu, ma jibqax aktar jitqies li dik in-nefqa jew dak il-kontribut ikun sar minħabba r-rabta sentimentali bejn l-istess partijiet jew minħabba l-affett reċiproku. F'dak il-każ, għalkemm il-liġi tagħna sal-lum ma tagħti l-ebda rimedju partikolari eżegwibbli minn parti kontra l-parti l-oħra, ma tagħlaqx il-bieb lil dik il-parti li titlob mingħand il-parti l-oħra lura l-ħlas li tkun wettqet jew il-kontribut li tkun tat. Dan jista' jsir b'azzjoni residwali bħalma hija l-azzjoni tal-arrikkiment indebitu, kif jidher li għamel l-attur f'dan il-każ;*

***L-azzjoni ta' serviġi***

40. Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għal dak illi kellha xi tgħid il-Qorti fil-kawża ġia fuq riferita 'Aquilina vs Mizzi', fejn dwar l-azzjoni ta' serviġi kellha dan xi tgħid:

> *Illi jibda biex jingħad li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi mogħtija minn persuna favur persuna oħra trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss jure actionis, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu, jew kien imwiegħed ħlas għalih.*
>
> *Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx il-fehma tal-partijiet li joħolqu fiż-żmien li fih is-servizz ikun ingħata*;

41. L-istess Qorti, dwar talba għal serviġi fil-kuntest ta' relazzjoni bejn żewġ partijiet, kellha dan xi tgħid:

> *Illi xieraq jingħad ukoll li fejn jidħlu r-rabtiet bejn persuni li jgħixu flimkien more uxorio, il-preżunzjoni tkun li s-sehem u l-isforz li kull waħda mill-partijiet tagħti għall-ħtiġijiet ta' kuljum tal-partijiet (u tad-dipendenti oħrajn tagħhom) jingħataw b'sentiment ta' affett u mhux bil-ħsieb li wieħed ikun kumpensat mill-parti l-oħra talli jkun tahom;*

42. Finalment, din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għad-deċiżjoni mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Giuseppina Deidun et vs. Emila Poggi et** deċiża fis-6 ta' Ottubru, 1954 ingħad kif isegwi:

> *'Il-kumpens għal serviġi prestati jista' jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta ċ-ċirkostanzi juru ċar illi min ippresta s-serviġi kellu l-intenzjoni li jitħallas għalihom. Il-prestazzjoni tas-serviġi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita' u r-rinunzja għall-kumpens ma għandhomx jiġu akkolti faċilment. U fil-ġurisprudenza reċenti, anki għar-rigward tal-parenti, huwa applikabbli l-prinċipju li kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkustanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwita', sija pure meta hemm relazzjonijiet ta' parentela. Jekk il-provi juru li, meta ġew prestati s-serviġi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jitħallas għalihom, ma hemmx lok għall-kumpens. Dak li hu importanti li għandu jiġi eżaminat, biex wieħed jara għandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta ġew prestati s-serviġi; u ċirkustanzi sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joħolqu dritt li ma kinetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joħolqu.'*

## Ikkunsidrat

43. Applikat it-tagħlim fuq riprodott, il-Qorti l-ewwel u qabel kollox tifhem illi l-partijiet kellhom relazzjoni ta' tmintax-il sena, u filwaqt li r-rikorrenti jiddeskrivi r-relazzjoni ta' tmintax-il sena bħala waħda "*ikkaratterizzata minn pressjoni kontinwa da' parti ta' Anna Degiorgio biex kollox isir kif tgħid hi*" da parte ta' l-intimata, hija tiddeskriviha bħala waħda fejn "*Joseph kien ġej u sejjer id-dar qisu lukanda jsib kollox lest jiena nsajjar, naħsel u ngħaddi l-ħwejjeġ ... hu qatt ma kellu joħroġ flus għall-skop ta' kirja peress li kellu saqaf fejn jgħix fl-appartament*": (vide fol 168)

44. Il-Qorti, filwaqt illi tifhem li, fil-preżent, il-partijiet ċertament qed jagħtu aktar importanza lejn l-aspetti negattivi tar-relazzjoni tagħhom, dina ma tistax titqies bħala riflessjoni tat-tmintax-il sena relazzjoni li kellhom bejniethom u tal-fatt illi, bħala riżultat ta' tali relazzjoni, kellhom tifel li stqarr mal-Qorti li għandu relazzjoni tajba ħafna maż-żewġ ġenituri tiegħu. (vide fol 228)

45. Il-Qorti hija konvinta illi bejn il-partijiet, tul iż-żminijiet, kien hemm relazzjoni fejn iż-żewġ partijiet kienu kuntenti bil-preżenza ta' xulxin u kellhom sentiment ta' affett u rispett lejn xulxin illi wassalhom sabiex jagħmlu affarijiet għal xulxin u jagħtu affarijiet lil xulxin mingħajr il-ħsieb li jkun kumpensat lura għal dak li ta.

46. Dana qiegħed jingħad, peress illi t-talbiet kollha tal-partijiet, kemm tar-rikorrent kif ukoll tal-intimata, huma lkoll relatati ma' pretensjonijet illi, ċertament fil-mument illi saru, ma kien hemm ebda intenzjoni sabiex b'xi mod ikun hemm kumpens lura,

iżda li llum, fis-saħna tas-sitwazzjoni ta' bejniethom u riżultat tat-tmiem irrevokabbli tar-relazzjoni illi kellhom, qegħdin iħarsu lura lejn dak li għamlu w jippretendu kumpens għalih.

47. Dana huwa applikabbli għall-kull pretensjoni imressqa quddiem dina l-Qorti:

   a. Għal dak illi jirrigwarda l-kumpens pretiż mir-rikorrent għall-vettura, Peugeot 107, jirriżulta illi l-intimata ġia kellha vettura funzjonanti dak iż-żmien, Skoda Favorit, iżda f'Ġunju tas-sena 2011, ir-rikorrent ried jagħmillha rigal u xtralha vettura f'isimha – hija ċara illi l-intenzjoni, dak iż-żmien li akkwista l-vettura, ma kienx sabiex jiġi eventwalment rikompensat ta' dak illi huwa ħallas, iżda sabiex jagħti rigal lill-persuna illi huwa kien iħobb. Dana japplika wkoll għall-kiri tal-garage.

   b. Għal dak illi jirrigwarda il-kumpens pretiż mir-rikorrent għall-affarijiet ta' ġewwa l-appartament ta' l-intimata, jirriżulta ċar illi r-rikorrent, tul is-sittax-il sena jew ftit anqas illi huwa għamel jirrisjedi fl-appartament ta' l-intimata, gawda minn kull oġġett illi issa huwa qiegħed jippretendi l-ħlas tiegħu, u xtara tali oġġetti mhux sabiex jiġi rikompensat tagħhom, iżda sabiex ikun jista' jgawdihom mal-persuna illi magħha huwa kellu relazzjoni u saħansitra tifel.

   c. Għal dak illi jirrigwarda ħlas pretiż mir-rikorrent għal xogħolijiet illi huwa għamel fl-appartament ta' l-intimata meta kien għadu ġebel u saqaf, kif ukoll il-manutenzjoni li sar sussegwentement, huwa ċar illi meta għamel tali xogħolijiet, ir-rikorrent ma kien qed ifittex ebda tip ta' kumpens, iżda kien qiegħed jagħmel tali xogħolijiet sabiex ikollu post fejn ikun jista' jifforma "familja" ma' l-intimata w it-tarbija illi huma kien ser ikollhom u li eventwalment kellhom.

   d. Għal dak illi jirrigwarda ħlas pretiż mill-intimata rikonvenzjonata għall-għixien tar-rikorrent meta kien jgħix magħha kif ukoll għall-serviġi minnha reżi, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi meta r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet waħda tajba, l-intimata ma kellha ebda ħsieb illi tippretendi xi kumpens mingħandha għal dak illi hija kienet tagħmel għalih, peress illi tali azzjonijet da' parte ta' l-intimata rikonvenzjonata kienu riżultat tas-sentiment ta' affett illi kellha hija għalih, liema sentiment jidher illi eventwalment żvinta fix-xejn u spiċċat biex wassal lill-partijiet sabiex jiġġieldu quddiem dina l-Qorti.

48. Meqjusa l-fatti kollha w il-provi kif prodotti quddiemha, kif ukoll il-valuri imsemmija mill-partijiet, il-Qorti tqis illi ma ġiex ippruvat illi xi waħda miż-żewġ partijiet kisbu xi vantaġġ finanzjarju mingħand il-parti l-oħra bl-investimenti illi huma għamlu f'xulxin, w it-tnejn li huma bbenefikaw b'mod ugwali mill-investimenti w xogħolijiet li saru għal xulxin, bir-riżultat illi l-Qorti ma tqisx illi jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi u aħjar deskritti aktar 'il fuq, sabiex jintlaqa' xi waħda mit-talbiet tal-partijiet.

## KONKLUŻJONI:

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

Wara illi semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat in-noti ta’ sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet ta’ l-intimata u għalhekk:

**Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent** bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet tar-rikorrent għat-talba rikonvenzjonali, u għalhekk,

**Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali ta’ l-intimata** bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Il-Qorti tordna illi kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**